# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 156/2013

## tat-8 ta’ Ottubru 2013

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2013/8/UE tas-26 ta’ Frar 2013 li temenda, bl-iskop li jiġu adattati d-dispożizzjonijiet tekniċi tagħha, id-Direttiva 2009/144/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti komponenti u karatteristiċi tat-tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija ([1]) tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) L-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 23 (Direttiva 2009/144/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu II tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

“— **32013 L 0008**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2013/8/UE tas-26 ta’ Frar 2013 (ĠU L 56, 28.2.2013, p. 8).”

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2013/8/UE bil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-9 ta’ Ottubru 2013, kemm-il darba jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta’ Ottubru 2013.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Thórir IBSEN

---

([1]) ĠU L 56, 28.2.2013, p. 8.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.